# Laqmijiet ta' knejjes ta' Santa Marija

Chev. Mario Coleiro O.S.J.



F'pajjiżna nsibu tradizzjoni, speċjalment fl-irħula, li bniedem iktar ikun magħruf bil-laqam personali, jew iktar tal-familja, milli jkun magħruf b'ismu. Normalment il-laqmijiet ikunu marbuta ma' xi ħaġa li għandha x'taqsam direttament mal-familja u għalhekk dawk tal-familja jkunu magħrufa b'dak il-laqam partikolari. Xi kultant insibu individwi li jingħażlu mill-kumplament tal-familja u jkollhom laqam għalihom biss. Insibu wkoll laqmijiet li jingħataw b'mod ġenerali lill-irħula jew bliet partikolari, bħal pereżempju lil tal-Birgu jgħidulhom il-ġirbin jew tat-toqba; lil ta' Ħal Qormi jgħidulhom sa nofsinhar; lil tal-Ħamrun jgħidulhom tas-sikkina, u lil ta' tas-Sliema tax-xelin. Dawn kollha laqmijiet li għandhom storja warajhom li tispjega minn fejn bdew.

Imma f'pajjiżna nsibu postijiet u bini li għandhom il-laqmijiet ukoll. F'dan l-artiklu ser nitkellmu fuq xi knejjes li huma ddedikati lil Santa Marija u li n-nies tafhom l-iktar bil-laqam. Ser nibdew nitkellmu fuq l-ewwel Knisja iddedikata lil Santa Marija li għandha laqam. Din hija dik magħrufa bħala Santa Marija tal-Blat ġewwa Ħal Qormi. Din il-knisja kienet diġà teżisti qabel il-vista pastorali ta' Mons Dusina fil-1575 li kien irrimarka li kienet fi stat ħażin ħafna. Jidher li din reġgħet inbniet, kif narawha llum, mill-familja Galdes fil-1634. Il-laqam li magħrufa bih din il-knisja ġej mill-fatt li din tinsab mibnija fuq biċċa blat naqra għolja iktar mill-kumplament tal-ġenb tal-wied ta' Ħal Qormi.

Ir-raġuni li nbniet hawn tista' kienet biex l-ilmijiet li jgħaddu b'qawwa kbira minn dan il-wied fix-xhur tax-xitwa ma jilħux din il-knisja, għalhekk in-nies laqqmitha Santa Marija ta' fuq tal-Blat magħrufa iktar bħala Santa Marija tal-Blat.

Minn Ħal Qormi ser nitilgħu Ħal Luqa u nitkellmu ftit fuq il-knisja ta' Santa Marija tal-Ftajjar. Oriġinalment din il-knisja kienet diġà mibnija fil-bidu tas-seklu ħmistax. Dusina jgħidilna li meta għamel żjara fiha kellha tliet altari u s-saqaf kien bil-ħnejjiet. Il-poplu ta' Ħal Luqa reġa' bniha mill-ġdid fil-1613. Il-Laqam li ngħatat din il-knisja, dak ta' Santa Marija tal-Ftajjar, ġej mill-fatt li nhar il-festa tal-Assunta fil-15 t'Awwissu l-prokuratur ta' din il-knisja kien iqassam il-ftajjar lill-foqra tar-raħal u għalhekk din tlaqqmet bħala Santa Marija tal-Ftajjar.

Ser nerġgħu ninżlu Ħal Qormi u ser nitkellmu fuq il-knisja ta' Santa Marija ta' Qrejċa. Din hija knisja oħra antika ħafna li ftit nafu fuq il-bidu tagħha. Fil-1650 indaħal il-Baruni Ġjaċintu Cassar u minn flusu reġa' bniha mill-ġdid. Il-laqam ta' din il-knisja Santa Marija ta' Qrejċa għandu oriġini ħelwin ħafna. Fil-passat f'Ħal Qormi kont issib tiġġerra fit-toroq dik li kienet tissejjaħ il-Ħanżira tal-Erwieħ. Din kienet titħalla tiġri fit-toroq u kulħadd kien jagħlifha biex tismen.

Nhar Santa Marija l-Qriema kellhom l-użanza li jagħmlu l-vista tas-seba' Santa Marijiet fejn kienu jduru l-knejjes iddedikati lill-Madonna li kellhom fir-raħal. L-aħħar vista kienet issir f'din il-knisja fejn, wara dik il-mixja kollha, ir-rettur tal-knisja kien jixwi l-ħanzira tal-erwieħ u iqassam il-biċċiet tal-laħam tagħha mixwi lill-foqra. Dak il-laħam mixwi kien jissejjaħ qarquċa għax kien ikun imbaskat. Minn dak iż-żmien 'l hawn din il-knisja bdiet tissemma bħala Santa Marija tal-Qarquċa li biż-żmien saret Santa Marija ta' Qrejċa.

Ser nibqgħu Ħal Qormi u mmorru sal-knisja ta' Santa Marija tal-Ħlas. Din il-knisja devota kienet antika ħafna u naraw li t-teżorier tal-Ordni Fra Kristofru Montgaudi kien bniha mill-ġdid minn flusu. Fil-1690 reġgħet inbniet mill-ġdid fuq disinn ta' Lorenzo Gafa'. It-tradizzjoni tgħid li din il-knisja tlaqqmet hekk b'wegħda meta l-Maltin ħelsu mill-attakki tas-Saraċini, u Malta nħelset mill-madmad tal-iskjavitù. Tradizzjoni oħra li hija iktar popolari tgħid li din il-knisja kienet tgawdi devozzjoni minn dawk in-nisa li kienu ser isiru Ommijiet, u kienu isiru ħafna wegħdi biex ikollhom ħlas bla tbatija u problemi.

Jingħad kienu ħafna dawk li kienu jżuru din il-knisja waqt it-tqala tagħhom u wara li jeħilsu kienu

jippreżentaw it-tarbija tagħhom lill-Madonna. B'hekk din il-knisja ħadet il-laqam ta' Santa Marija tal-Ħlas.

Minn Ħal Qormi ser immorru l-Marsa u nitkellmu fuq il-Knisja ta' Santa Marija ta' Ċeppuna. Din hija knisja żgħira u antika ħafna li tinsab fejn illum insibu l-Marsa Sporta Club. Skont Ġian Franġisk Abela, din diġa kienet mibnija qabel il-1489. Minn notamenti li jirrakkontaw il-funeral tal-ewwel Gran Mastru ta' Malta L'Isle Adam, jingħad li meta l-katavru tiegħu tniżżel mill-iMdina tpoġġha f'din il-knisja biex l-għada filgħodu ħaduh bil-baħar lejn il-Birgu biex jindifen.

Hekk minn din l-informazzjoni nafu li din il-knisja kienet funzjonabbli fis-sena 1534 meta miet L'Isle Adam, u li dakinhar il-baħar kien għadu jidħol sa ħdejn din il-knisja ħafna iktar minn fejn insibu l-baħar illum. Il-laqam li taw in-nies lil din il-knisja huwa dak ta' Santa Marija ta' Ċeppuna. Skont l-istoriku Annibale Preca, il-kelma Ċeppuna tfisser post imwarrab u moħbi. Meta tqis li fiż-żmien li nbniet din il-knisja l-Marsa kienet post imwarrab minħabba l-ħafna ilma qiegħed u l-biża' tal-mard, tagħmel sens li din il-knisja ġiet imlaqqma Santa Marija ta' Ċeppuna.

Ser immorru issa fejn il-knisja ta' Santa Marija taż-Żejfri fil-Mosta. Din il-kappella tinsab fit-triq li mir-Rabat tmur għal Tarġa Gap fil-post imsejjaħ Ta' Besbiżija. Din hija knisja antika ħafna u ma nafux eżatt meta nbniet l-ewwel darba. Jidher li għall-ħabta tal-1607 kienet reġgħet inbniet mill-ġdid bi flus ċertu Dr Gio Maria Camenzuli li magħha bena ukoll ċimiterju żgħir quddiemha. Dan il-benefattur li kien bniha u ħalla ġidu kollu għaliha kien imlaqqam iż-Żejfri, u għalhekk in-nies laqqmu din il-knisja bħala Santa Marija taż-Żejfri.

L-aħħar knisja ta' Santa Marija li għandha laqam li ser nitkellmu fuqha hija Santa Marija taż-Żellieqa fir-raħal ta' Ħal Għargħur. Din hija knisja ħelwa ħafna u magħha għandha marbuta leġġenda li tgħid li fis-sena 1560 waħda tfajla marradija kienet qiegħda fuq xifer il-wied meta dehritilha l-Madonna u fejqitha mill-mard li kellha. L-istorja tkompli tgħid li din it-tfajla b'ringrazzjament lill-Madonna bniet din il-knisja propju fil-post fejn dehritilha l-Madonna. Kif għidtilkom dan kien fuq il-ġenb tal-wied u għalhekk meta l-knisja kienet lesta, ġiet tħares fuq blat li kien jibqa' jiżżerżaq sa qiegħ il-wied. Għalhekk in-nies laqqmu din il-knisja bħala Santa Marija taż-Żellieqa. Illum quddiem il-knisja saret triq, imma l-laqam ta' din il-knisja baqa' l-istess, dak ta' Santa Marija taż-Żellieqa.

Hekk rajna kif diversi knejjes ħadu laqam min-nies jew postijiet, u dan il-laqam tħallat mat-titlu ta' dawn il-Knejjes li kollha huma ddedikati għal Tlugħ is-Sema bir-ruħ u l-ġisem ta' Omna Marija Santissma.

Horace's
Rabbitry
FNIEK
Għal-Laħam
FNIEK
Għar-Razza



80, Shalom, Vjal it-Torri, Gudja
Tel: 21 695714 • Mob: 9986 4784